REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 590/2010

tal-5 ta' Lulju 2010

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru [trasportaturi bl-ajru] li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru [trasportaturi bl-ajru] li huma suġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpanija tal-ajru li topera, u li tħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru [trasportaturi bl-ajru] li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 [2].

(2) Skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, xi Stati Membri kkomunikaw lill-Kummissjoni informazzjoni li hija rilevanti fil-kuntest tal-aġġornament tal-lista Komunitarja. Informazzjoni rilevanti kienet ikkomunikata wkoll minn pajjiżi terzi. Il-lista Komunitarja għandha tiġi aġġornata abbażi ta' dan.

(3) Il-Kummissjoni infurmat lit-trasportaturi bl-ajru kollha kkonċernati, jew direttament jew meta dan ma kienx prattikabbli, permezz tal-awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni regolatorja tagħhom, u indikat il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuqhom għandha tkun imsejsa d-deċiżjoni biex tiġi imposta fuqhom projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni Ewropea jew biex jinbidlu l-kundizzjonijet ta' projbizzjoni fuq l-operat imposti fuq trasportatur bl-ajru li huwa inkluż fil-lista Komunitarja.

(4) Il-Kummissjoni tat opportunità lit-trasportaturi bl-ajru kkonċernati biex jikkonsultaw id-dokumenti pprovduti mill-Istati Membri, biex iressqu kummenti bil-miktub u jagħmlu preżentazzjoni orali lill-Kummissjoni fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol u lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili [3].

(5) L-awtoritajiet responsabbli mis-superviżjoni regolatorja tat-trasportaturi bl-ajru kkonċernati ġew ikkonsultati mill-Kummissjoni kif ukoll, f'każijiet speċifiċi, minn xi Stati Membri.

(6) Il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru sema' preżentazzjonijiet mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA) u mill-Kummissjoni dwar il-proġetti ta' assistenza teknika mwettqa fil-pajjiżi affettwati mir-Regolament (KE) Nru 2111/2005. Il-Kumitat ġie infurmat bit-talbiet għal iktar assistenza u kooperazzjoni teknika sabiex titjieb il-kapaċità amministrattiva u teknika tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili bl-għan li jissolva kwalunkwe nuqqas ta' konformità mal-istandards internazzjonali applikabbli.

(7) Il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru ġie wkoll infurmat bl-azzjonijiet ta' infurzar li ħadu l-EASA u l-Istati Membri sabiex jiżguraw arjunavigabbiltà u manutenzjoni kontinwi tal-inġenji tal-ajru rreġistrati fl-Unjoni Ewropea u operati minn trasportaturi bl-ajru ċċertifikati minn awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili ta' pajjiżi terzi.

(8) Ir-Regolament (KE) Nru 474/2006 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

Trasportaturi mill-Unjoni Ewropea

(9) Wara l-informazzjoni li rriżultat minn spezzjonijiet fir-rampa li twettqu mis-SAFA fuq inġenji tal-ajru ta' ċerti trasportaturi bl-ajru tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll minn ċerti spezzjonijiet u verifiki speċifiċi għall-qasam partikolari mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni tagħhom, uħud mill-Istati Membri ħadu ċerti miżuri ta' infurzar. Huma infurmaw lill-Kummissjoni u lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru b'dawn il-miżuri: l-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit irrevokaw iċ-Ċertifikat ta' Operatur tal-Ajru (AOC) tat-trasportatur bl-ajru Trans Euro Air Limited fis-6 ta' April 2010 u ssospendew l-AOC ta' MK Airlines fit-12 ta' April 2010; l-awtoritajiet kompetenti ta' Spanja ssospendew l-AOC u l-liċenzja tal-operat tat-trasportatur bl-ajru Baleares Link Express fid-9 ta' Ġunju 2010; l-awtoritajiet kompetenti tas-Slovakkja rrevokaw il-liċenzja tal-operat tat-trasportatur bl-ajru Seagle Air fil-11 ta' Diċembru 2009 u dik ta' Air Slovakia fit-3 ta' Mejju 2010.

[1] ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15.
[2] ĠU L 84, 23.3.2006, p. 14
[3] ĠU L 373, 31.12.1991, p. 4.

Air Algérie

(10) Abbażi ta' analiżi tar-riżultati tal-ispezzjonijiet tas-SAFA mwettqa fuq inġenji tal-ajru operati minn Air Algérie fl-UE minn Jannar 2009, il-Kummissjoni daħlet f'konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tal-Alġerija fis-7 ta' Diċembru 2009 u fil-5 ta' Frar 2010 sabiex issolvi s-sejbiet fl-oqsma tas-sikurezza tal-merkanzija abbord, tal-ajrunavigabbiltà u tal-operazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru u tal-liċenzji tal-ekwipaġġi tat-titjiriet.

(11) Fir-risposta tagħhom tal-15 ta' Marzu 2010, l-awtoritajiet kompetenti tal-Alġerija pprovdew informazzjoni dwar azzjonijiet li ttieħdu wara spezzjonijiet fir-rampa sabiex jindirizzaw in-nuqqasijiet fil-konformità li ġew skoperti.

(12) Il-Kummissjoni bagħtet iktar talbiet għal informazzjoni fis-6 ta' Mejju 2010. L-awtoritajiet kompetenti ressqu iktar informazzjoni fis-27 ta' Mejju 2010. Wara laqgħa mal-awtoritajiet kompetenti tal-Alġerija, mat-trasportatur bl-ajru kif ukoll mal-awtoritajiet kompetenti ta' Franza u mal-EASA fid-9 ta' Ġunju 2010, l-awtoritajiet kompetenti tal-Alġerija impenjaw irwieħhom li jipprovdu informazzjoni komplementari qabel il-laqgħa tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru, inkluża lista ta' attivitajiet ta' sorveljanza mwettqa minn din l-awtorità fuq Air Algérie. L-informazzjoni ntbagħtet fit-18 ta' Ġunju 2010. Barra minn hekk, dawn l-awtoritajiet impenjaw irwieħhom li jressqu ma jdumux pjan ta' azzjoni korrettiva dettaljat inkluża skeda ta' żmien biex ikun ivverifikat u jitlesta. B'mod parallel, fuq talba tat-trasportatur bl-ajru, l-awtoritajiet kompetenti ta' Franza żviluppaw inizjattiva sabiex iqajmu għarfien u jipprovdu taħriġ fil-qafas tal-programm SAFA tal-UE.

(13) Sabiex jiżviluppaw monitoraġġ kontinwu tal-prestazzjoni tas-sikurezza tat-trasportatur bl-ajru, il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet kompetenti tal-Alġerija sabiex jibagħtu wkoll rapporti mensili dwar l-attivitajiet ta' sorveljanza tagħhom fl-oqsma tal-ajrunavigabbiltà, tal-manutenzjoni u tal-operazzjonijiet kontinwi fuq Air Algérie inkluża l-verifika tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni korrettiva li għandu jitressaq. Il-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-awtoritajiet kompetenti tal-Alġerija sabiex ikomplu bl-isforzi tagħhom ħalli jtejbu l-konformità mal-istandards tas-sikurezza applikabbli.

(14) Sadanittant, l-Istati Membri għandhom jivverifikaw il-konformità effettiva mal-istandards tas-sikurezza rilevanti permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li għandhom jitwettqu fuq l-inġenji tal-arju ta' dan it-trasportatur, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 351/2008, sabiex ikun żgurat li n-numru ta' spezzjonijiet ta' Air Algérie se jkun intensifikat ħalli tkun ipprovduta l-bażi għar-rivalutazzjoni ta' dan il-każ matul il-laqgħa li jmiss tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru li għandha ssir f'Novembru 2010.

Air Bangladesh

(15) Il-Kummissjoni infurmat lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru bir-riżultati ta' missjoni ta' assistenza teknika li twettqet mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni fir-Repubblika Popolari tal-Bangladexx wara l-Verifika tal-USOAP li wettqet l-ICAO f'Mejju 2009. Il-Verifika tal-USOAP li twettqet mill-ICAO irriżultat fi Thassib Sinifikanti dwar is-Sikurezza rigward l-operazzjonijiet, iċ-ċertifikazzjoni u s-superviżjoni tal-inġenji tal-ajru eżerċitati mill-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tal-Bangladexx (CAAB). Matul il-missjoni kien innutat li s-CAAB kienet għamlet sforzi ċari fuq kull livell biex timplimenta pjan ta' azzjoni korrettiva u wriet impenn qawwi sabiex teħleb il-kwistjonijiet dwar is-sikurezza enfasizzati mill-verifika tal-ICAO. Filwaqt li l-Kummissjoni tilqa' b'sodisfazzjon dawn l-isforzi inkoraġġanti se tkompli timmonitorja mill-qrib il-progress li s-CAAB tagħmel bl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni korrettiva tagħha sabiex ikun żgurat li n-nuqqasijiet attwali fis-sikurezza jiġu indirizzati mingħajr dewmien żejjed.

(16) Matul il-missjoni, is-CAAB infurmat lil dak it-tim li B747-269B, bir-reġistrazzjoni S2-ADT, tneħħa mir-Reġistru tal-Bangladexx, u li l-operatur Air Bangladesh ma kienx jeżisti iktar. Is-CAAB ikkomunikat uffiċjalment dan il-fatt lill-Kummissjoni fis-16 ta' Mejju 2010.

(17) Fid-dawl ta' dak li ngħad iktar 'il fuq, abbażi tal-kriterji komuni, huwa vvalutat li t-trasportatur bl-ajru msemmi iktar 'il fuq għandu jitneħħa mill-Anness B.

Blue Wing Airlines

(18) Teżisti evidenza vverifikata ta' nuqqasijiet serji li jinvolvu lit-trasportatur bl-ajru Blue Wing Airlines iċċertifikat fis-Surinam, kif muri minn għadd ta' aċċidenti li seħħew dan l-aħħar u n-nuqqasijiet li kienu rrapportati waqt l-ispezzjonijiet fir-rampa mwettqa mill-Istati Membri.

(19) Blue Wing Airlines kien involut f'aċċident fit-3 ta' April 2008 fejn mietu 19-il persuna, f'aċċident ieħor fil-15 ta' Ottubru 2009 li wassal biex ikun hemm xi persuni feruti, u aċċident aħħari fil-15 ta' Mejju 2010 fejn mietu tmien (8) persuni. In-numru globali ta' aċċidenti li esperjenza dan it-trasportatur bl-ajru fl-aħħar sentejn iqajjem tħassib serju dwar is-sikurezza filwaqt li kien impossibbli li tinkiseb esperjenza siewja mill-aċċidenti preċedenti fin-nuqqas ta' kwalunkwe rapport ta' investigazzjoni uffiċjali tal-aċċidenti.

(20) Barra minn hekk, teżisti evidenza vverifikata ta' nuqqasijiet serji ta' konformità mal-istandards tas-sikurezza speċifiċi stabbiliti mill-Konvenzjoni ta' Chicago, kif żvelaw in-nuqqasijiet li ġew osservati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Franza fi spezzjoni fir-rampa reċenti [1] li saret fil-qafas tal-programm SAFA.

[1] DGAC/F-2010-818.

(21) L-awtoritajiet kompetenti ta' Franza (DGAC) stiednu lill-awtoritajiet kompetenti tas-Surinam u lil Blue Wing Airlines biex jipprovdu l-garanziji meħtieġa rigward is-sikurezza tal-operazzjonijiet ta' dan it-trasportatur. Peress li la r-riposta tal-awtoritajiet kompetenti tas-Surinam u lanqas dik ta' Blue Wing Airlines ma taw il-possibbiltà li tiġi identifikata l-kawża prinċipali tal-aċċidenti u tan-nuqqasijiet fis-sikurezza osservati waqt l-ispezzjonijiet fir-rampa u li jiġi evitat li jergħu jseħħu, id-DGAC iddeċidew li jimponu miżuri eċċezzjonali li jipprojbixxu l-attivitajiet kollha ta' Blue Wing Airlines fuq it-territorju Franċiż mill-1 ta' Ġunju 2010 u impenjaw irwieħhom li jinfurmaw immedjatament lill-Kummisjoni f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 473/2006.

(22) Il-Kummissjoni tat bidu immedjatament għal konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tas-Surinam u ma' Blue Wing Airlines sabiex ikun deċiż b'mod urġenti dwar l-estensjoni tal-miżuri meħuda minn Franza għall-Unjoni Ewropea waqt il-laqgħa tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri semgħu lil Blue Wing Airlines bl-assistenza tal-awtoritajiet kompetenti tiegħu fil-25 ta' Ġunju 2010. La r-risposti tal-awtoritajiet kompetenti tas-Surinam u lanqas dik ta' Blue Wing Airlines ma taw il-possibbiltà li jiġu identifikati l-kawżi prinċipali tal-aċċidenti u tan-nuqqasijiet fis-sikurezza li kienu osservati waqt l-ispezzjonijiet fir-rampa, u lanqas li jiġu evitati li jerġgħu jseħħu.

(23) Fid-dawl tal-prestazzjoni preċedenti tat-trasportatur bl-ajru, li diġà kienet soġġetta għal projbizzjoni fuq l-operat fl-UE ([1]), ([2]), l-għadd u s-serjetà tal-aċċidenti li għadda minnhom dan it-trasportatur bl-ajru, in-nuqqasijiet fis-sikurezza li ġew skoperti u r-ripetittività tagħhom, abbażi tal-kriterji komuni, huwa vvalutat li l-kontinwazzjoni tal-operazzjonijiet ta' dan it-trasportatur bl-ajru fl-UE tikkostitwixxi riskju serju għas-sikurezza li ma jistax jiġi solvut b'mod sodisfaċenti permezz tal-miżuri li ħa Stat Membru, f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, u li għalhekk it-trasportatur bl-ajru Blue Wing Airlines għandu jiġi miżjud mal-Anness A.

Trasportaturi bl-ajru mill-Albanija

(24) B'referenza għall-preżentazzjonijiet li saru mill-awtoritajiet kompetenti tal-Albanija waqt il-laqgħa tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru f'Marzu 2010 u skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 273/2010 ([3]), il-Kummissjoni, bl-assistenza tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA), kompliet attivament il-konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tal-Albanija biex tieħu azzjoni ta' segwitu fuq ir-riżultati tal-ispezzjoni ta' standardizzazzjoni komprensiva tal-Albanija li saret f'Jannar 2010. Ir-rapport finali ta' din l-ispezzjoni, maħruġ fis-7 ta' Marzu 2010, żvela nuqqasijiet sinifikanti fl-oqsma kollha vverifikati li jeħtieġ li jiġu rrimedjati immedjatament.

(25) L-EASA infurmat li d-DGCA kienu ppreżentaw pjan ta' azzjoni komprensiv li nstab li kien aċċettabbli u ntlaħaq ftehim dwaru fid-29 ta' April 2010. Dan il-pjan jipprevedi serje ta' azzjonijiet ta' rimedju li għandhom jiġu implimentati progressivament sa tmiem l-2011, filwaqt li jittieħdu azzjonijiet immedjati biex ikunu indirizzati n-nuqqasijiet fis-sikurezza.

(26) Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti tal-Italja taw bidu għal proġett ta' ġemellaġġ komprensiv mal-awtoritajiet kompetenti tal-Albanija li għandu jibda f'Settembru 2010 sabiex dawn l-awtoritajiet jingħataw assistenza ħalli jibnu l-kapaċità teknika u amministrattiva tagħhom.

(27) Il-konsultazzjonijiet li saru fit-28 ta' Mejju 2010 mal-awtoritajiet kompetenti tal-Albanija u mal-EASA, bil-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Italja, ikkonfermaw li l-implimentazzjoni ta' dan il-pjan ta' azzjoni qed tagħmel progress u miexja skont l-iskeda tal-pjan. L-ewwel sensiela ta' azzjonijiet tlestew u dawn kienu jirrappreżentaw bidla kbira fis-sistema preċedenti: kienet stabbilita Awtorità Albaniża tal-Avjazzjoni Ċivili (ACAA) u din bdiet topera minn Mejju 2010; l-ACAA li għadha kemm ġiet stabbilita rrevokat id-derogi kollha preċedenti li ngħataw lill-industrija u aċċertat lill-impriżi li n-nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli sal-1 ta' Ġunju 2010 kien se jesponihom għal azzjonijiet ta' infurzar bħal sospensjoni, limitazzjoni jew revoka tal-approvazzjonijiet li kellhom. L-ACAA ġiet mistiedna tidher quddiem il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru ħalli tirrapporta dwar ir-riċertifikazzjoni tat-trasportaturi bl-ajru.

(28) L-ACAA nstemgħet mill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru fil-21 ta' Ġunju 2010 u kkonfermat li Belle Air u Albanian Airlines ġew riċertifikati kif kien xieraq f'Ġunju 2010 f'konformità mar-regoli tas-sikurezza applikabbli. Hija qalet ukoll li l-AOC ta' Star Airways kien sospiż. Barra minn hekk, l-ACAA impenjat ruħha li toqgħod lura milli toħroġ iktar AOCs sakemm iseħħu żviluppi ġodda.

(29) L-ACAA qed tiġi mħeġġa tieħu l-azzjonijiet meħtieġa sabiex tkompli timplimenta b'mod effettiv u f'waqtu l-pjan ta' azzjoni miftiehem mal-EASA, fejn tingħata prijorità lis-soluzzjoni tan-nuqqasijiet identifikati li jqajmu tħassib dwar is-sikurezza jekk ma jiġux korretti fil-pront. L-ACAA qed tiġi mistiedna biex b'mod partikolari tħaffef il-bini tal-kapaċitajiet tagħha, tiżgura s-superviżjoni tas-sikurezza tat-trasportaturi bl-ajru kollha ċċertifikati fl-Albanija skont ir-regolamenti tas-sikurezza applikabbli u tieħu miżuri ta' infurzar jekk dan ikun meħtieġ.

(30) L-ACAA impenjat ruħha li tirrapporta perjodikament dwar il-progress li jsir fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni korrettiva tagħha. Il-Kummissjoni, bl-assistenza tal-EASA, u bl-appoġġ tal-Istati Membri, se tkompli timmonitorja l-effikaċja tal-azzjonijiet imwettqa mill-ACAA u l-prestazzjoni tas-sikurezza tat-trasportaturi bl-ajru liċenzjati fl-Albanija.

([1]) Premessi (20) sa (22) tar-Regolament (KE) Nru 910/2006 tal-20 ta' Ġunju 2006, ĠU L 168, 21.6.2006, p. 17.
([2]) Premessi (7) sa (8) tar-Regolament (KE) Nru 1400/2007 tat-28 ta' Novembru 2007, ĠU L 311, 29.11.2007, p. 12.
([3]) Premessi (55) sa (58) tar-Regolament (UE) Nru 273/2010 tat-30 ta' Marzu 2010, ĠU L 84, 31.3.2010, p. 30.

Trasportaturi bl-ajru mir-Renju tal-Kambodja

(31) L-awtoritajiet kompetenti tal-Kambodja (SSCA) taw informazzjoni dwar il-progress ulterjuri fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni korrettiva tagħhom stabbilit sabiex jirrimedja n-nuqqasijiet identifikati mill-ICAO waqt il-verifika li saret fl-2007 fil-qafas tal-Programm Universali ta' Verifika għas-Superviżjoni tas-Sikurezza (USAOP) tagħha.

(32) Il-Missjoni Koordinata ta' Validazzjoni tal-ICAO (ICVM) li twettqet bejn is-26 u d-29 ta' Ottubru 2009 ikkonfermat xi progress peress li n-nuqqas ta' implimentazzjoni effettiva tal-Istandards tal-ICAO, f'Ottubru 2009, kien evalwat li jlaħħaq it-58 %, li huwa inqas mill-71 % tal-2007. Madankollu, il-missjoni kkonkludiet ukoll li kien jeħtieġ li titkompla l-implimentazzjoni effettiva tal-azzjonijiet korrettivi kollha, b'mod speċjali rigward l-organizzazzjoni tal-SSCA u l-bini tal-kapaċitajiet tagħha.

(33) L-SSCA irrapportaw li t-trasportaturi bl-ajru li kien fadal liċenzjati fil-Kambodja kellhom iċ-Ċertifikat ta' Operatur tal-Ajru (AOC) tagħhom jew sospiż jew irrevokat. B'mod partikolari, l-AOC ta' Helicopter Cambodia skada fil-15 ta' Ottubru 2009 u ma ġiex imġedded; l-AOC ta' Sokha Airlines kien irrevokat fis-27 ta' Ottubru 2009; l-AOC ta' Angkor Airways u ta' PMT Air kienu rrevokati fil-21 ta' April 2010. Konsegwentement, l-ICAO neħħiet it-tħassib sinifikanti dwar is-sikurezza relatat mat-trasportaturi bl-ajru liċenzjati fi-Renju tal-Kambodja ([1]).

(34) L-SSCA taw ukoll l-informazzjoni li Siem Reap International Airways, li l-AOC tiegħu huwa sospiż, kien involut fi proċess ta' riċertifikazzjoni sa minn Jannar 2009. L-SSCA ddikjaraw li t-trasportatur bl-ajru ngħata perjodu addizjonali ta' erba' (4) xhur sabiex ilesti l-proċess; jekk ma jagħmilx dan, l-AOC tiegħu għandu jiġi rrevokat. Fid-dawl tal-inċertezza dwar is-sitwazzjoni ta' Siem Reap International Airways, abbażi tal-kriterji komuni, huwa vvalutat li dan it-trasportatur bl-ajru għandu jibqa' fl-Anness A.

(35) Il-Kummissjoni qed tieħu nota tal-miżuri ta' infurzar imwettqa mill-SSCA u tal-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni korrettiva bil-għan li ssolvi n-nuqqasijiet identifikati mill-ICAO u hija lesta li tappoġġja l-bini tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet kompetenti tar-Renju tal-Kambodja permezz ta' assistenza teknika apposta.

Trasportaturi bl-ajru mir-Repubblika Demokratika tal-Kongo

(36) It-trasportaturi bl-ajru kollha ċċertifikati fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-UE u huma elenkati fl-Anness A. Il-Kummissjoni rċeviet informazzjoni li l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo ħarġu Ċertifikat ta' Operatur tal-Ajru lit-trasportatur bl-ajru Congo Express. Il-Kummissjoni daħlet f'konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo sabiex tikseb konferma ta' din l-informazzjoni. Dawn l-awtoritajiet ma rrispondewx.

(37) Peress li ma teżisti l-ebda evidenza li kien hemm xi bidla fil-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo sabiex jiżguraw is-superviżjoni tat-trasportaturi bl-ajru liċenzjati f'dak l-Istat, f'konformità mal-istandards tas-sikurezza applikabbli, abbażi tal-kriterji komuni, huwa vvalutat li Congo Express għandu jiġi miżjud mal-Anness A.

Trasportaturi bl-ajru mir-Repubblika Gaboniża

(38) Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA) wettqet missjoni ta' assistenza teknika fir-Repubblika Gaboniża bejn il-11 u l-15 ta' Jannar 2010. Ir-rapport li rriżulta minn din il-missjoni, maħruġ fis-6 ta' April 2010, jiżvela li l-awtoritajiet kompetenti tal-Gabon (ANAC) qed jaħdmu biex isolvu n-nuqqasijiet identifikati mill-ICAO fil-verifika tagħha li għamlet f'Mejju 2007 fil-qafas tal-Programm Universali ta' Verifika għas-Superviżjoni tas-Sikurezza. Madankollu, ir-rapport jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jitkompla l-bini tal-kapaċitajiet tal-ANAC permezz ta' baġit adegwat u iktar reklutaġġ u taħriġ ta' spetturi kkwalifikati, kif ukoll il-ħtieġa li tkun żgurata superviżjoni kontinwa robusta tat-trasportaturi bl-ajru liċenzjati fir-Repubblika Gaboniża. Ir-rapport jinkludi pjan direzzjonali, stabbilit flimkien mal-ANAC, li jsemmi fid-detall l-azzjonijiet korrettivi meħtieġa u utli biex ikunu solvuti s-sejbiet tal-ICAO. Skont dan il-pjan direzzjonali, mhux mistenni li l-azzjonijiet meħtieġa jitlestew qabel il-bidu tal-2011.

(39) L-awtoritajiet kompetenti tal-Gabon (ANAC) talbu li jinstemgħu mill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru sabiex jippreżentaw il-progress li għamlu s'issa u għamlu dan fil-21 ta' Ġunju 2010. L-ANAC taw informazzjoni dwar il-qafas leġiżlattiv li qed jiġi rivedut attwalment, b'riforma tal-kodiċi tal-avjazzjoni ċivili, li mistenni jiġi adottat sal-31 ta' Diċembru 2010, kif ukoll dwar l-istabbiliment progressiv ta' sett komprensiv ta' regolamenti ajrunawtiċi Gaboniżi (RAG), li se jiddaħħlu fis-seħħ progressivament sal-2011. L-ANAC irrapportaw ukoll dwar il-progress ulterjuri li għamlet fil-bini tal-kapaċitajiet tagħha, bir-reklutaġġ ta' iktar spetturi, li sebgħa (7) minnhom għadhom qed jiksbu l-kwalifiki tagħhom. Barra minn hekk, l-ANAC irrapportaw li kien sar progress fis-superviżjoni tat-trasportaturi bl-ajru u fl-infurzar tar-regolamenti tas-sikurezza (RACAM) attwali, kif intwera bis-sospensjoni tal-AOC ta' SCD Aviation fis-16 ta' Ottubru 2009, bit-twissijiet indirizzati lit-trasportaturi bl-ajru Air Service, Gabon Airlines, National Regional Transport u SN2AG kif ukoll bil-multi imposti fuq it-trasportaturi bl-ajru Allegiance u Sky Gabon. L-għadd u n-natura ta' whud min-nuqqasijiet identifikati jiżvelaw li jista' jkun hemm il-ħtieġa għal iktar azzjonijiet ta' infurzar jekk it-trasportaturi bl-ajru jonqsu milli jimplimentaw l-istandards tas-sikurezza applikabbli.

([1]) Premessa (12) tar-Regolament (KE) Nru 1131/2008 tal-14 ta' Novembru 2008, ĠU L 306, 15.11.2009, p. 48.

(40) Afrijet Business Services, liċenzjat fil-Gabon, talab li jinstema' mill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni sabiex jitneħħew ir-restrizzjonijiet attwali li ġew imposti fuq l-inġenju tal-ajru tat-tip Falcon 900B bil-marka ta' reġistrazzjoni TR-AFR, u għamel sottomissjoni bil-miktub għal dan il-għan. Huwa pprovda assigurazzjoni li l-operazzjonijiet u l-manutenzjoni tal-imsemmi inġenju tal-ajru qed jitwettqu f'konformità mal-istandards tas-sikurezza applikabbli u dan kien ikkonfermat mill-ANAC. Konsegwentement, abbażi tal-kriterji komuni, huwa vvalutat li ma hemm l-ebda raġuni għalfejn l-operazzjonijiet ta' Afrijet Business Services imwettqa bl-inġenju tal-ajru tat-tip Falcon 900B bil-marka ta' reġistrazzjoni TR-AFR għandhom jiġu ristretti u li dan l-inġenju tal-ajru għandu jiġi miżjud mal-inġenji tal-ajru li bihom it-trasportatur bl-ajru jitħalla jopera fl-UE skont l-Anness B.

(41) S'issa ma ġiet ikkomunikata l-ebda evidenza lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni sħiħa tal-azzjonijiet ta' rimedju xierqa mit-trasportaturi bl-ajru inklużi fil-lista Komunitarja u mill-awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni regolatorja ta' dawn it-trasportaturi bl-ajru. Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, huwa vvalutat li dawn it-trasportaturi bl-ajru għandhom ikomplu jkunu soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat (Anness A) jew għal restrizzjonijiet fuq l-operat (Anness B), skont il-każ.

(42) Il-Kummissjoni tilqa' b'sodisfazzjon il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni korrettiva bil-għan li jiġu solvuti n-nuqqasijiet identifikati mill-ICAO u fil-bini tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet kompetenti tal-Gabon u lesta li tagħti assistenza, inkluż permezz ta' missjonijiet fuq il-post sabiex tivvalida l-kisbiet, ladarba jkun stabbilit il-qafas leġiżlattiv.

Trasportaturi bl-ajru mir-Repubblika tal-Indoneżja

(43) L-awtoritajiet kompetenti tal-Indoneżja (DGCA) irrapportaw li għamlu progress kbir sabiex isolvu s-sejbiet kollha identifikati mill-ICAO fil-verifika tagħha mwettqa fi Frar 2007 fil-qafas tal-Programm Universali ta' Verifika għas-Superviżjoni tas-Sikurezza. Il-Missjoni Koordinata ta' Validazzjoni tal-ICAO (ICVM), li saret f'Awwissu 2009, ikkonfermat il-progress sostanzjali, kif muri mill-perċentwali tan-nuqqas ta' implimentazzjoni effettiva tal-istandards tal-ICAO li tnaqqset għal 20 %. Id-DGCA irrapportaw lill-ICAO fid-19 ta' Marzu 2010 li l-azzjonijiet korrettivi li kien fadal tlestew.

(44) Id-DGCA taw informazzjoni dwar l-iżviluppi tal-kapaċità ta' superviżjoni tas-sikurezza tagħhom, b'żieda kbira fil-baġit tagħhom fl-2009 u fl-2010, bir-reklutaġġ ta' 25 spettur tal-operazzjonijiet ta' titjir addizzjonali u tmien (8) spetturi tas-sikurezza fil-kabina, ikkomplementati minn assistenza teknika estensiva min-naħa tal-ICAO u tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili tal-Awstralja u tal-Pajjiżi l-Baxxi, li ppermettew li jiġu aġġornati aktar ir-Regolamenti tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni Ċivili (CASR) u li tissaħħaħ is-superviżjoni tat-trasportaturi bl-ajru addizzjonali.

(45) L-awtoritajiet kompetenti tal-Indoneżja (DGCA) talbu biex jinstemgħu mill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru sabiex jitneħħew ir-restrizzjonijiet attwali imposti fuq it-tliet trasportaturi bl-ajru li ġejjin: Indonesia Air Asia, Metro Batavia u Lion Air; huma għamlu sottomissjonijiet bil-miktub kif ukoll preżentazzjonijiet orali fit-22 ta' Ġunju 2010.

(46) Il-preżentazzjonijiet li għamlu Indonesia Air Asia u d-DGCA kkonfermaw li dan it-trasportatur bl-ajru kien riċertifikat fit-30 ta' Settembru 2009 b'konformità mas-CASR u li dan it-trasportatur huwa soġġett għal superviżjoni adegwata mid-DGCA. Id-DGCA kkonfermaw li dan it-trasportatur bl-ajru jissodisfa b'mod sħiħ l-istandards tas-sikurezza applikabbli. Konsegwentement, abbażi tal-kriterji komuni, huwa vvalutat li Indonesia Air Asia għandu jitneħħa mill-Anness A.

(47) Il-preżentazzjonijiet li għamlu Metro Batavia u d-DGCA kkonfermaw li anki dan it-trasportatur bl-ajru kien riċertifikat fit-30 ta' Settembru 2009 f'konformità mas-CASR u li dan it-trasportatur huwa soġġett għal superviżjoni adegwata mid-DGCA. Id-DGCA kkonfermaw li dan it-trasportatur bl-ajru jissodisfa b'mod sħiħ l-istandards tas-sikurezza applikabbli. Konsegwentement, abbażi tal-kriterji komuni, huwa vvalutat li Metro Batavia għandu jitneħħa mill-Anness A.

(48) Il-preżentazzjonijiet li għamel Lion Air żvelaw li dan it-trasportatur bl-ajru, li attwalment qed jopera flotta ta' 50 inġenju tal-ajru, esperjenza żewġ (2) aċċidenti u żewġ (2) inċidenti serji sa mill-2004. Madankollu, it-trasportatur naqas milli jipprovdi informazzjoni sufiċjenti dwar dawn l-aċċidenti u dawn l-inċidenti u dwar il-kawżi tagħhom u naqas ukoll milli juru li ttieħdu azzjonijiet adegwati sabiex ma jitħallewx jerġgħu jseħħu, b'mod partikolari fid-dawl tal-iżvilupp sinifikanti tal-flotta li mistenni fis-snin li ġejjin. Barra minn hekk, ma kienx possibli li tinġibed konklużjoni dwar superviżjoni adegwata mid-DGCA fil-qasam tal-operazzjonijiet, kif intwera min-nuqqas ta' kwalunkwe sejba rreġistrata matul iktar minn mitt (100) operazzjoni ta' titjir irreġistrati fl-2009 u fl-2010. Konsegwentement, abbażi tal-kriterji komuni, huwa vvalutat li Lion Air għandu jibqa' fl-Anness A.

(49) S'issa ma ġiet ikkomunikata l-ebda evidenza tal-implimentazzjoni sħiħa ta' azzjonijiet ta' rimedju xierqa mit-trasportaturi bl-ajru l-oħra inklużi fil-lista Komunitarja. Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, huwa vvalutat li dawn it-trasportaturi bl-ajru għandhom ikomplu jkunu soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat (Anness A).

(50) Il-Kummissjoni tinkoraġġixxi l-isforzi u l-progress li sar mill-awtoritajiet kompetenti tal-Indoneżja lejn is-soluzzjoni sostenibbli tan-nuqqasijiet fis-sikurezza.

Trasportaturi bl-ajru mill-Filippini

(51) B'referenza għar-Regolament Nru 273/2010 [1], il-Kummissjoni kompliet attivament il-konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tal-Filippini (CAAP) dwar l-azzjonijiet li ħadu sabiex itejbu kemm is-sikurezza tal-avjazzjoni fil-Filippini kif ukoll il-konformità mal-istandards tas-sikurezza applikabbli.

(52) L-awtoritajiet kompetenti tal-Filippini (CAAP) taw informazzjoni dwar kif nedew għadd ta' azzjonijiet, li jinvolvu b'mod partikolari: ir-riformulazzjoni tar-regoli u tar-regolamenti implimentattivi attwali, mistennija sa tmiem l-2010; iktar bini tal-kapaċitajiet tas-CAAP permezz tat-trasferiment ta' spetturi kkwalifikati li attwalment qed jaħdmu għall-ICAO taħt il-proġett ta' assistenza teknika, li mistenni li jkun iffinalizzat sa tmiem l-2010, u r-reklutaġġ ta' iktar persunal; ir-riverifika u r-riċertifikazzjoni tat-trasportaturi bl-ajru kollha, inklużi dawk li diġà kienu ċċertifikati mis-CAAP qabel Marzu 2010; l-istabbiliment ta' pjanijiet ta' sorveljanza kontinwa għat-trasportaturi bl-ajru kollha; u t-tishiħ tal-azzjonijiet ta' infurzar fil-każ tan-nuqqasijiet fis-sikurezza identifikati.

(53) Is-CAAP taw informazzjoni li, fid-19 ta' Marzu 2010, issospendew iċ-Ċertifikat ta' Operatur tal-Ajru (AOC) ta' Pacific East Asia Cargo Airlines (PEAC), trasportatur li kompla bl-operazzjonijiet mingħajr ma kien adegwatament iċċertifikat mill-awtoritajiet kompetenti tal-Filippini.

(54) It-trasportatur bl-ajru Interisland Airlines Inc., li kien ġie ċċertifikat mis-CAAP fis-16 ta' Marzu 2010, esperjenza aċċident fatali fil-21 ta' April 2010, li kien jinvolvi inġenju tal-ajru fuq l-AOC tiegħu tat-tip Antonov 12BP bil-marka tar-reġistrazzjoni UP-AN216. Is-CAAP, li investigaw il-każ wara l-aċċident, fit-23 ta' April 2010 ddeċidew li jirrevokaw l-AOC ta' Interisland Airlines Inc, li konsegwentement waqqaf kompletament l-operazzjonijiet tiegħu. Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, huwa vvalutat li Interisland Airlines Inc. għandu jitneħħa mill-Anness A.

(55) Philippine Airlines talab li jinstema' mill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru sabiex jirrapporta dwar il-progress reċenti u għamel dan fit-22 ta' Ġunju 2010. It-trasportatur bl-ajru kkonferma li għadda minn verifika komprensiva ta' riċertifikazzjoni min-naħa tas-CAAP, li l-azzjonijiet korrettivi kollha ngħalqu b'mod xieraq u li fis-17 ta' Ġunju 2010 nħareġ AOC ġdid. Madankollu, il-konklużjoni reċenti ta' dan il-proċess ta' riċertifikazzjoni u s-sottomissjoni tardiva tal-evidenza korrispondenti ma ppermettewx li tiġi vverifikata s-sitwazzjoni fuq il-post kif mistenni.

(56) Cebu Pacific Airlines talab li jinstema' mill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru sabiex jirrapporta dwar il-progress reċenti u għamel dan fit-22 ta' Ġunju 2010. It-trasportatur bl-ajru kkonferma li għadda minn verifika komprensiva ta' riċertifikazzjoni min-naħa tas-CAAP u li l-azzjonijiet korrettivi meħtieġa kienu għaddejjin, peress li diversi azzjonijiet minnhom kienu għadhom miftuħin, għalkemm fis-7 ta' Ġunju 2010 diġà kien inħareġ AOC ġdid, bi speċifikazzjonijiet operattivi ristretti sabiex ikunu eskluži l-ġarr ta' merkanzija perikoluża u l-approċċi ta' preċiżjoni fil-Kategorija II għall-flotta ta' ATR-72. Madankollu, is-sottomissjoni tardiva tal-evidenza korrispondenti u l-eżistenza ta' sejbiet miftuħa ma ppermettewx li tiġi vverifikata s-sitwazzjoni fuq il-post kif mistenni.

(57) It-tħassib sinifikanti dwar is-sikurezza nnotifikat mill-ICAO wara l-verifika tal-USOAP tal-Filippini li wettqet f'Ottubru 2009 lill-Istati kollha li huma partijiet għall-Konvenzjoni ta' Chicago u li jaffetwa s-superviżjoni tas-sikurezza tat-trasportaturi liċenzjati fil-Filippini [2] baqa' mhux solvut. Is-CAAP taw informazzjoni dwar kif huma ressqu pjan ta' azzjoni komprensiv quddiem l-ICAO sabiex jinstabu rimedji għan-nuqqasijiet identifikati minn din l-organizzazzjoni. Madankollu, huma naqsu milli jikkomunikaw dan il-pjan ta' azzjoni korrettiva u l-valutazzjoni tal-ICAO dwar dan. Barra minn hekk, is-CAAP taw ukoll l-informazzjoni li l-Filippini mhux se jkunu f'pożizzjoni li japplikaw għal reviżjoni tal-klassifikazzjoni attwali mill-FAA tal-Istati Uniti qabel ir-raba' trimestru tal-2010.

(58) Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-isforzi li għamlu l-awtoritajiet kompetenti sabiex jirriformaw is-sistema tal-avjazzjoni ċivili fil-Filippini. Madankollu, sakemm ikun hemm implimentazzjoni effettiva ta' azzjonijiet korrettivi adegwati ħalli jinstab rimedju għan-nuqqasijiet identifikati mill-FAA tal-Istati Uniti u mill-ICAO, huwa vvalutat li l-awtoritajiet kompetenti tal-Filippini jibqgħu, f'dan l-istadju, ma jistgħux jimplimentaw u jinfurzaw b'mod effettiv l-istandards tas-sikurezza rilevanti fir-rigward tat-trasportaturi bl-ajru kollha taħt il-kontroll regolatorju tagħhom. Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, huwa vvalutat li t-trasportaturi bl-ajru ċċertifikati fil-Filippini kollha, ħlief Interisland Airlines Inc, għandhom jibqgħu fl-Anness A.

(59) Il-Kummissjoni tibqa' lesta li tappoġġja l-isforzi tal-Filippini, permezz ta' żjara ta' valutazzjoni f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-ICAO, bil-parteċipazzjoni tal-Istati Membri u tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, jekk ikun prattikabbli qabel il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru li jmiss, sabiex ikun ivverifikat il-progress li għamlu s-CAAP, inkluża l-prestazzjoni tas-sikurezza tal-operaturi.

[1] Premessi (74) sa (87) tar-Regolament (UE) Nru 273/2010 tat-30 ta' Marzu 2010, ĠU L 84, 31.3.2010, p. 33.

[2] Sejba tal-ICAO OPS/01.

Iran Air

(60) F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 273/2010 [1], il-Kummissjoni, bl-assistenza tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni u bl-appoġġ tal-Istati Membri, għamlet żjara ta' valutazzjoni tas-sikurezza fir-Repubblika Iżlamika tal-Iran bejn id-29 ta' Mejju u t-3 ta' Ġunju 2010 sabiex tivverifika l-implimentazzjoni sodisfaċenti tal-miżuri mħabbra mill-awtoritajiet kompetenti (CAO-IRI) u minn Iran Air.

(61) Matul iż-żjara, is-CAO-IRI setgħu juru li kellhom sistema ta' superviżjoni stabbilita fil-qasam tal-operazzjonijiet tal-ajru li hija konformi mal-intenzjoni tad-Dokument 8335 tal-ICAO – Manwal tal-Proċeduri għall-Ispezzjoni, għaċ-Ċertifikazzjoni u għas-Sorveljanza Kontinwa tal-Operazzjonijiet. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kienu kkorreġew dgħufija li kienet identifikata preċedentement fil-proċeduri ta' segwitu għall-verifika tagħhom billi adottaw sistema ta' klassifikazzjoni tas-sejbiet fuq tliet livelli li tat il-possibbiltà li l-kwistjonijiet urġenti dwar is-sikurezza jiġu indirizzati mingħajr dewmien. L-awtoritajiet urew ukoll li kienu ħadu azzjoni biex jindirizzaw it-tħassib dwar is-sikurezza fejn għandhom x'jaqsmu t-trasportaturi Iranjani, u Iran Air b'mod partikolari.

(62) Madankollu, fl-oqsma tal-ajrunavigabbiltà u tal-manutenzjoni, kienu evidenti diversi punti dgħajfa fis-superviżjoni tas-CAO-IRI fir-rigward ta' Iran Air, inkluż nuqqas ta' eżami dettaljat tal-Programmi ta' Manutenzjoni u tal-Listi tat-Tagħmir Minimu, li wasslu biex ma jiġux skoperti l-iżbalji li għamel it-trasportatur bl-ajru.

(63) Barra minn hekk, is-CAO-IRI ma setgħux jipprovdu lista konsolidata ta' inċidenti li kienu seħħew matul it-titjiriet ta' Iran Air u b'hekk ma kinux f'pożizzjoni li jkejlu l-prestazzjoni ġenerali tas-sikurezza tat-trasportatur bl-ajru. Madankollu, is-CAO-IRI setgħu juru li wettqu investigazzjonijiet dettaljati tal-inċidenti sinifikanti kollha u għamlu rakkomandazzjonijiet.

(64) Iż-żjara ta' verifika nnutat l-impenn qawwi tas-CAO-IRI fl-adozzjoni ta' tekniki moderni għall-ġestjoni tas-sikurezza u fir-rigward tal-avvanzi sinifikanti li saru matul l-aħħar sitt xhur. It-tim innota wkoll l-approċċ miftuħ, kooperattiv u kostruttiv li s-CAIO-IRI jużaw biex jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati fil-proċeduri tagħhom.

(65) Fil-każ ta' Iran Air, ir-rapport jiġbed l-attenzjoni għal nuqqasijiet sinifikanti fil-ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà u tal-manutenzjoni. B'mod partikolari, saru żbalji bażiċi fil-Programmi ta' Manutenzjoni li wasslu għal omissjonijiet sinifikanti mill-programmi għal tagħmir relatat mas-sikurezza fuq il-flotta ta' Airbus A-320 u fuq l-inġenji tal-ajru tat-tagħbija tat-tip Boeing 747-200. Barra minn hekk, is-sistema ta' manutenzjoni għall-flotta ta' Airbus A-320 naqset milli tiżgura li l-punti posposti jiġu rettifikati fil-perjodi ta' żmien speċifikati. Flimkien ma' dan, ma kien qed isir l-ebda monitoraġġ tad-Dejta tat-Titjiriet fuq il-flotta ta' Airbus A-320, u r-rata ta' ġbir tad-dejta għall-flotot l-oħra kienet baxxa ħafna. Barra dan, ir-rapport jikkonkludi li l-kumpanija mhijiex qed tindirizza l-elementi bażiċi f'termini ta' ajrunavigabbiltà kontinwa tal-inġenji tal-ajru tagħha. Dan huwa partikolarment evidenti fil-ġestjoni tal-inġenji tal-ajru tat-tip Airbus A320 kif ukoll Boeing 727 u 747.

(66) Madankollu, ir-rapport jinnota wkoll li, kien hemm titjib ċar fis-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità u fil-proċessi ta' ġestjoni tas-sikurezza ta' Iran Air, b'mod partikolari fl-użu tal-Verifiki tas-Sikurezza Orjentati lejn il-Linji (tal-Ajru) u l-formazzjoni ta' "Kunsill Għoli tas-Sikurezza", immexxi mid-Direttur Maniġerjali, li ġie assenjat il-kompitu li jikkoordina u jissorvelja l-attivitajiet diretti lejn l-implimentazzjoni ta' standards tas-sikurezza rigoruż fid-dipartimenti operattivi. Barra minn hekk, jinnota l-approċċ miftuħ u kooperattiv sabiex ikunu solvuti n-nuqqasijiet fis-sikurezza identifikati u r-rieda tajba tat-trasportatur bl-ajru li jadotta tekniki moderni għall-ġestjoni tas-sikurezza.

(67) Iran Air għamel preżentazzjonijiet lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru u pprovda dettalji ta' pjan ta' azzjoni korrettiva sabiex ikunu indirizzati l-osservazzjonijiet li saru matul iż-żjara fuq il-post.

(68) Ir-riżultati tal-ispezzjonijiet fir-rampa mwettqa mill-Istati Membri taħt l-awspiċi tal-programm SAFA tul l-aħħar 14-il xahar juru titjib kostanti fil-prestazzjoni; madankollu, jidher ċar li r-riżultati fir-rigward tal-inġenji tal-ajru tat-tip A-320 huma agħar milli ta' inġenji tal-ajru oħrajn tat-trasportatur bl-ajru.

(69) Minħabba n-nuqqasijiet ivverifikati dwar l-ajrunavigabbiltà u l-manutenzjoni kontinwi, u r-riżultati tal-ispezzjonijiet tas-SAFA, huwa vvalutat li, abbażi tal-kriterji komuni, l-inġenji tal-ajru kollha tat-tip A-320, Boeing B-727, B-747 serje -100, Boeing B-747 serje -200 u Boeing B-747-SP fuq l-AOC tat-trasportatur bl-ajru ma għandhomx jitħallew joperaw fl-Unjoni Ewropea u għalhekk, dawn l-inġenji tal-ajru għandhom ikunu inklużi fl-Anness B. It-trasportatur bl-ajru għandu jitħalla jtir fl-Unjoni Ewropea dejjem jekk l-operazzjonijiet tiegħu jkunu strettament limitati għal-livell preżenti tagħhom (frekwenzi u destinazzjonijiet) bl-inġenji tal-ajru permessi skont l-Anness B.

(70) Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja mill-qrib il-prestazzjoni ta' Iran Air. Madankollu, fid-dawl tas-sitwazzjoni attwali tas-superviżjoni eżerċitata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Iran, il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru jħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tintensifika l-konsultazzjonijiet tagħha ma' dawn l-awtoritajiet ħalli jkunu jingħataw soluzzjonijiet sostenibbli għan-nuqqasijiet fis-sikurezza identifikati. Il-Kummissjoni qed titlob lis-CAO-IRI biex jibagħtu rapporti mensili dwar il-verifika tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni korrettiva u biex jipprovdu informazzjoni dwar l-attivitajiet kollha ta' superviżjoni fl-oqsma tal-ajrunavigabbiltà, tal-manutenzjoni u tal-operazzjonijiet kontinwi mwettqa mis-CAO-IRI fuq Iran Air.

[1] Premessa (49) tar-Regolament (UE) Nru 273/2010 tat-30 ta' Marzu 2010, ĠU L 84, 31.3.2010, p. 29.

(71) L-Istati Membri se jkomplu jivverifikaw il-konformità effettiva ta' Iran Air mal-istandards tas-sikurezza rilevanti permezz tal-prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li għandhom jitwettqu fuq l-inġenji tal-ajru ta' dan it-trasportatur f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 351/2008.

Trasportaturi bl-ajru mill-Federazzjoni Russa

(72) L-awtoritajiet kompetenti tal-Federazzjoni Russa infurmaw lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru, matul il-laqgħa tiegħu tat-22 ta' Ġunju 2010, li kienu ħadu għadd ta' miżuri sabiex itejbu s-superviżjoni fuq ċerti trasportaturi bl-ajru wara informazzjoni li rċevew mingħand il-Kummissjoni fis-6 ta' Mejju dwar għadd dejjem ikbar ta' sejbiet imqajma waqt l-ispezzjonijiet fir-rampa li għandhom impatt fuq is-sikurezza.

(73) B'mod partikolari, huma taw informazzjoni li wara d-deċiżjoni tagħhom, mit-18 ta' Mejju 2010, it-trasportatur bl-ajru YAK Service ma tħalliex jopera fl-ispazju tal-ajru tal-Istati tal-ECAC. Madankollu, jekk din id-deċiżjoni ma tiġix infurzata, il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li tieħu miżuri xierqa, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, b'relazzjoni għal dan it-trasportatur bl-ajru.

